TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 320

Kaz Nru. 422

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Mercieca

u

Alfred Hili & Co Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 16 ta' Novembru, 1988

CHAIRMAN : Is-Sur Carmel Debono

## 1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 4 ta' Settembru, 1987, skond il-provvedimenti tal-Artikolu 28(2) tal-Att XXX tal-1976.

It-Tribunal Industrijali zamm seba' (7) seduti u ghamel access fuq il-post tax-xoghol fis-16 ta' Settembru, 1988.

L-Appellant Anthony Mercieca kien assistit mis-sur Norman Rossignaud. Alfred Hili & Co Ltd kienu rapprezentati mis-sur David Hili u s-sinjura Evelyn Spiteri assistiti mis-sur Carmel Cacopardo, BE & A, MRSH, A & CE.

## 2. STATEMENTS OF CASE

Ghall-Appellant, is-sur Rossignaud issottometta li Anthony Mercieca kien gie mpjegat fl-14 ta' Lulju, 1980 sas-6 ta' Gunju, 1987, fil-kariga ta' Storekeeper / Salesman.

Huwa qal li matul l-impieg tieghu l-appellant ma kien ircieva l-ebda "warning" u kien biss fl-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu (6.6.87) li rcieva "warning" b'ittra li kienet, ghal ragunijiet tal-Principal, datata 23 ta' Mejju, 1987.

Is-sur Rossignaud irretena li fuq ix-xoghol tieghu l-appellant kien imur tajjeb ma kulhadd inkluzi l-klijenti u kien biss meta wasal is-sur David Spiteri Hili bhala Direttur li l-affarijiet inbidlu.

Huwa cahad l-allegazjonijiet migjuba kontra Mercieca biex tkecca, wara li dawn kienu gew respinti mill-avukat tieghu f'ittra datata jumejn wara l-incident li fuqu gie terminat l-impieg ta' Mercieca, incident skond is-sur Rossignaud fittizju mahluq mill-istess Direttur.

Hu zied jghid li r-rejazzjoni tad-Direttur kienet mghaggla, sproporzjonata u premedidata.

Ghaldaqstant talab lit-Tribunal biex jordna lill-Kumpanija:-

(a) Illi terga ddahhal lura fl-impieg lill-Appellant.

(b) Illi thallas lill-Appellant il-flus kollha dovuti lilu (paga u overtime, jekk applikabbli) u li kien jithallas li kieku baqa' fl-impieg inkluz il-bonus bil-ligi, sa dik il-gurnata meta jerga jirritorna ghax-xoghol.

(c) Illi l-kumpanija tkun obligata thallas is-sehem taghha tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Nazzjonali ghall-istess perjodu.

Ghall-Kumpanija, is-sur Cacopardo qal li l-Appellant kien traskurat u kien jigi regolarment tard ghax-xoghol ghal liema nuqqasijiet kien inghata twissijiet verbali u miktuba.

Huwa qal li fil-15 ta' Mejju, 1987 kontra ordni mgharufa mill-impjegati kollha, l-appellant fi tmiem il-gurnata tax-xoghol halla dwal jixghelu f'mahzen li kien fih madwar LM40,000 injam u wera ndifferenza

ghal dan in-nuqqas meta ngibditlu l-attenzjoni tieghu. Is-sur Cacopardo qal li ghal dan in-nuqqas, l-appellant kien gie mwissi b'warning bil-miktub datat 23 ta' Mejju, 1987.

Meta s-sur David Spiteri Hili mar fil-mahzen fis-6 ta' Gunju, 1987, huwa gie milqugh mill-appellant b'dagha u kliem vulgari minhabba t-twissija tat-23 ta' Mejju, 1987, li kkostretta lid-Direttur ikecci lill-Appellant li rrifjuta li jitlaq, xehitlu fl-art il-paga u l-bonus dovut lilu u tah daqqa ta' harta u tajjar in-nuccali tad-Direttur.

Id-Direttur, is-sur David Spiteri Hili minhabba f'hekk ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u s-sinjura Evelyn Spiteri wasslet il-paga u l-bonus dovut lill-Appellant permezz ta' cekk fis-7 ta' Gunju, 1987, liema cekk gie mibghut lura mill-Avukat tal-Appellant f'ittra datata 8 ta' Gunju, 1987. Ghal dawn ir-ragunijiet, is-sur Cacopardo talab lit-Tribunal jichad it-talbiet tal-Appellant u jiddikjara li t-tkeccija tieghu mill-impieg mal-kumpanija kienet gustifikata.

3. XHIEDA

(a) Prodotti mill-Appellant

Is-sur Emm. Galea - Pulizija, Resident hdejn il-Mahzen
Is-sur Jos. Gauci - Ironmonger
Is-sur Joe Farrugia - Works Technical Officer, Bank of Valletta
Is-sur C Bonello - ex. Direttur ta' Alfred Hili & Co Ltd
Is-sur Philip Cassar - Mastrudaxxa
Is-sur Anthony Vella - Resident qrib l-imhazen
Is-sur Jos. Xuereb - Kuntrattur tax-xoghol tal-injam.

(b) Prodotti Mill-Kumpanija

Is-sur Carmel Caruana - Burdnar
Is-sinjura Irene Spiteri - Impjegata tal-Kumpanija
Hili

(c) <u>Prodotti miz-zewg nahat</u>

Is-sur Joe Agius - Executive Officer tal-Kumpanija
Is-sur Charles Galea - Panel Beater hdejn l-imhazen
Is-sur Jos. Refalo - ex impjegat tal-Kumpanija
Is-sur David Spiteri Hili - Direttur tal-Kumpanija
Is-sinjura Evelyn Spiteri - Direttrici tal-Kumpanija
Is-sur Anthony Mercieca - l-Appellant

## 4. DOKUMENTI

Gew prezentati zewg dokumenti waqt is-smiegh tal-kaz, wiehed kopja ta' Memo datat 20.12.86 tal-Kumpanija li jittratta dwar il-leave u l-hinijiet tax-xoghol 1987, b'referenza ghar-rutina tax-xoghol fis-sajf u l-iehor kopja tal-kondotta ta' l-Appellant fil-korp tal-Pulizija li ma giex accettat mit-Tribunal ghax ma kellux relevanza mal-meriti tal-kaz.

## 5. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Fis-sottomissjonijiet finali, z-zewg partijiet zammew generalment mal-linji elenkati fli statements of case rispettivi, izda ziedu u amplifikaw bhala rizultat ta' dak li hareg waqt is-smiegh tax-xhieda u tal-kaz.

Is-sur Rossignaud ghall-appellant sostna li l-kaz huwa mibni fuq tkeccija li "kienet reazzjoni sproporzjonata kif ukoll wahda premedidata". Huwa qal li bl-eccezzjoni ta' item zghira, dik tat-twissija datata 19 ta' Dicembru, 1986 mghotija lill-Mercieca ghax kien jasal tard ghax-xoghol, li ma kinitx inghatat importanza mill-kumpanija sa ma beda s-smiegh tal-kaz, l-argumenti kontenuti fli Statement of Case tal-appellant gew rivendikati.

Minn naha l-ohra, skond is-sur Rossignaud, id-diversi allegazzjonijiet migbura fli Statement of Case tal-Kumpanija baqghu ma gewx ippruvati.

Sar riferiment ghal heffa li biha l-appellant gie mkecci wara li mar jindaga mad-Direttur ir-raguni tat-twissija datata 23 ta' Mejju, 1987, li l-appellant kien ircieva b'ittra registrata fis-6 ta' Gunju, 1987.

Is-sur Rossignaud irretena li dan l-inkontru ghalkemm xi ftit imlewwem ma jirrizultax, lanqas mix-xhieda, li kien vjolenti kif riedet tghati x'tifhem il-kumpanija. Huwa kkontenda li l-Principal izda hataf l-opportunita biex bena allegazzjoni ta' offiza serja, dik ta' assalt fuq l-istess Direttur halli jkun jista' jilhaq l-ghan tieghu li jkecci lill-Appellant. Lanqas l-istess xhud Carmel Caruana li l-Kumpanija sejhet bil-ghan li tipprova tikkonferma l-offiza,ma xehed hekk. Barra minn hekk l-ebda xhud imsejjah miz-zewg partijiet ma kkonfermaw l-allegazjoni tal-offiza, li kieku kellha tkun ippruvata kienet serja bizzejjed li timmerita tkeccija gustifikata.

Meta rrefera ghall-nuqqasijiet ohra kontenuti fl-ittra ta' tkeccija datata 6 ta' Gunju, 1987, bhal "ghemilek kien ta' hsara ghall-kumpanija" u "wrejt traskuragni" u "kont insubordinat u insolenti", is-sur Rossignaud sostna li dawn l-allegazzjonijiet baqghu ma gewx ippruvati waqt is-smiegh tal-kaz. Barra minn hekk huwa tenna li ma kienx minnu li dwar dawn l-allegati nuqqasijiet l-appellant kien inghata zewg twissijiet bil-miktub, l-unika twissija miktuba fuq dan ir-rigward kienet dik tat-23 ta' Mejju, 1987, li kienet tirreferi ghall-ignition keys tat-Truck tal-kumpanija u l-Main Switch tad-Dawl tal-Imhazen.

Rigward l-ignition keys li thallew fit-truck, is-sur Rossignaud argumenta li l-appellant ma kienx l-uniku mpjegat li juza t-truck u lanqas ma kien l-uniku wiehed li jghalaq l-imhazen u ghalhekk responsabbli mit-tifi tad-dawl. Dan, qal ir-rapprezentant ta' l-Appellant gie ippruvat mix-xhieda.

Is-sur Rossignaud qal li r-relazzjonijiet bejn d-Direttur u l-appellant u l-impjegati marru lura minn meta dahal fit-tmexxija is-sur David Spiteri Hili, li skond is-sur Rossignaud kien jahseb hazin fl-impjegati, bhal ma jixdhu l-Memo li hareg biex jirregola l-leave u l-hinijiet tas-sajf u kemm ghandu jkun hemm impjegati meta johorgu jghamlu d-deliveriers.

Meta rrefera ghall-incident innifsu fejn is-sur David Spiteri Hili allega li l-Appellant tah daqqa ta' harta u tajjarlu n-nuccali, s-sur Rossignaud argumenta li ma setax jara kif l-appellant li kien lemini seta' jghati daqqa ta' harta fuq il-lemin ta' wicc id-Direttur.

Is-sur Rossignaud qal li kien id-Direttur li qabad minn sidru lill-Appellant u seta din kienet ir-raguni li waqalu n-nuccali.

Is-sur Rossignaud talab li fin-nuqqas ta' provi adekwati, ghax il-versjoni tad-Direttur stess kontra dik ta' l-appellant ma hix bizzejjed biex it-Tribunal isib favur l-Appellant billi jiddikjara li t-tkeccija kienet ingusta. Hu qal li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, it-tkeccija kienet mghaggla u sproporzzjonata.

Ghalaq billi spjega r-raguni l-ghala l-appellant baqa' jinsisti ghal re-instatement, jigifieri li hu qatt verament ma habat ghad-Direttur, ghax kellu x-xoghol tal-Kumpanija ghal qalbu u kien riskju kbir wisq li kieku kellu jikkuntenta b'kumpens adekwat meta ma jafx x'impieg alternattiv jista' jsib. B'daqshekk l-appellant ikollu l-opportunita jerga jahdem ma l-istess Principal u jkollu konferma ahjar tal-kondotta tajba tieghu.

Is-sur Rossignaud qal li ghal dawn ir-ragunijiet it-talba ta' l-appellant tibqa kif kienet espressa fli Statement of Case.

Is-sur Cacopardo ghall-kumpanija Alfred Hili & Co Ltd sostna li l-appellant kien imur ghax-xoghol tard regolarment, madwar darbtejn

fil-gimgha li ghaliha nghata twissija miktuba datata 19 ta' Dicembru, 1986.

Huwa qal li l-Appellant kien traskurat billi mar kontra struzzjonijiet li kellu minghand is-superjuri tieghu meta serrah travel ta' l-injam ma bieb ta' wiehed mill-imhazen u dawn waqghu fuqu mhux biss bi hsara ghalih imma b'detriment ukoll ghall-Kumpanija. Dan qal is-sur Cacopardo gie stabbilit wara nvestigazzjoni li wriet li l-lukketti u l-firroli tal-bibien tal-mahzen ma kienux f'posthom.

L-appellant mar kontra struzzjonijiet li ma jhallix waqt il-break ic-cwievet tal-ignition tat-truck tal-Kumpanija fil-vettura u ghal dan qal is-sur Cacopardo l-Appellant inghata twissija verbali.

Semma wkoll li l-appellant kien jitnikker fuq ix-xoghol, jikkontesta l-ordnijiet li jinghata mis-superjuri tieghu u jippretendi li dejjem ghandu ragun f'kollox. Is-sur Cacopardo tenna li l-appellant abbuza mis-sick leave u mhux l-ewwel darba li wara li t-talba tieghu ghal leave giet michuda, l-appellant hareg marid, barra minn abbuz iehor li kien jirraporta marid i jidhol ghax-xoghol bl-iskop li jithallas minn zewg nahat.

Is-sur Cacopardo sostna li meta l-kumpanija naqqsitlu l-beneficcju li kien thallas mis-Servizzi Socjali tal-mard, l-Appellant waqaf isellem lill-Principal. Dan l-atteggjament qal is-sur Cacopardo ma hux accettabbli u ta' min jistmerru specjalment f'kumpanija zghira ghax tohloq tensjoni u tfarrak ir-relazzjonijiet umani tant mehtiega ghall-gid tal-kumpanija u l-impjegati kollha.

Fil-15 ta' Mejju, 1987, l-appellant kiser ordni permanenti mgharufa mill-impjegati kollha meta halla d-dwal mixghula f'wiehed mill-imhazen wara li nghalaq b'periklu kbir ghal madwar LM40,000 injam u l-bini abitat ta' fuq l-imhazen.

Is-sur Cacopardo kkontenda li skond ix-xhieda l-appellant ma setghax ma jindunax li d-dwal ma kienux mitfija ghax kienu jiffunzjonaw, kieku ghamel attenzjoni minima.

Ghal dan qal is-sur Cacopardo l-appellant inghata twissija bil-miktub datata 23 ta' Mejju, 1987. Fis-6 ta' Gunju, 1987, meta l-appellant qal li rcieva l-warning tat-23 ta' Mejju, 1987, huwa mar il-mahzen, sab lid-Direttur David Spiteri Hili u skond is-sur Cacopardo fost hafna dagha u kliem vulgari beda jxejjirlu l-warning u qallu "li ma kontx balalu fuq din trid tkeccini lili" imgieba li ma hijiex tollerabbli minn kwalunkwe mpjegat lejn min ihaddem u b'mod partikolari f'post li hu accessibbli ghal terzi persuni, mpjegati ohrajn u klijenti.

Kien minhabba din l-imgieba u dik precedenti tal-Appellant, qal is-sur Casopardo li d-Direttur kecca lill-Appellant dak il-hin stess, li ma riedx jitlaq. Meta aktar tard id-Direttur gablu l-pagi dovuti lilu, l-Appellant kellmu hazin u beda jghajjat ma wiccu li kellu jimbotta lill-Appellant biex ma jibqawx wicc ma wicc u skond ir-rapprezentant tal-Kumpanija l-Appellant f'dak il-hin xejjer daqqa ta' harta lid-Direttur u tajjarlu n-nuccali.

Is-sur Cacopardo argumenta li l-Appellant kien iffissat li kullhadd ried jaqbad mieghu u li kien jehel b'kull ma kien jigri. F'dan ir-rigward, is-sur Cacopardo sostna li l-Kumpanija ma waslitx li tittratta hekk mal-Appellant u l-impjegati, izda l-Appellant ta' x'jifhem waqt ix-xhieda li nvestigazzjoni specifika u notifika biex l-impjegati joqghodu attenti kellha l-iskop li titfa dell ikrah fuqu, xi haga qal is-sur Cacopardo li kienet boghol ferm mir-rejalta.

Il-punti kollha lissemmew fis-sottomissjonijiet finali tal-Kumpanija kienu akkonpanjati minn referenzi specifici ghall-partijiet mill-evidenza mghotija mix-xhieda li xehdu waqt is-smiegh tal-kaz.

Ghaldaqstant il-kumpanija talbet lit-Tribunal li wara li jezamina s-sottomissjonijiet u x-xhieda tal-partijiet jiddeciedi illi:-

1. Il-Kumpanija mxiet b'mod korrett u dan minkejja li huwa (l-Appellant) ripetutament mexa hazin u kellu twissijiet bil-fomm u bil-miktub.

2. It-tkeccija ta' l-appellant kienet gustifikata u dan wara li bi kliemu pprova jirredikola u jumilja l-principal tieghu kif ukoll wara li refa' jdejh fuq il-principal tieghu meta tah daqqa ta' harta u tajjarlu n-nuccali.

3. Per konsegwenza jichad it-talbiet kollha ta' l-Appellant.

## 6. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Dan it-Tribunal Industrijali wara li ezamina x-xhieda kollha u stharreg sewwa li statements of case kif ukoll is-sottomissjonijiet finali taz-zewg partijiet jidhirlu li fil-process tas-smiegh tal-kaz spikkaw zewg elementi, jigifieri dak ta' l-incident fih innifsu fejn l-appellant Anthony Mercieca huwa allegat li hebb ghad-Direttur is-sur David Spiteri Hili u dak dwar l-imgieba tal-Appellant ingenerali qabel l-incident.

Dan it-Tribunal irid jghamilha cara li kull referenza ghall-nuqqas allegat kommess mill-appellant, ga la darba giet ipprezentata ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal, hija mehtiega li tkun ippruvata ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal, nonnostante l-fatt li dawn in-nuqqasijiet kienu koperti minn twissijiet bil-fomm u/jew bil-miktub.

F'dan il-kaz it-Tribunal htieglu li jezamina bir-reqqa d-dettalji kollha konnessi man-nuqqasijiet u/jew offizi attribwiti lill-Appellant fid-dawl tal-evidenza mghotija mix-xhieda, biex jiddeciedi jekk dawn l-offizi kienux verament kommessi mill-Appellant.

jidher li waqt li certi nuqqasijiet bhal dak li kien imur tard ghax-xoghol u li kien ihobb jargumenta fuq l-amministrazzjoni jew ordnijiet tax-xoghol ğew ippruvati, ma jistax izda jinghad l-istess dwar it-thallija tac-cwievet tal-ignition fit-truck tal-Kumpanija waqt il-break u d-dwal li thallew mixghula fil-Mahzen Numru 3 wara l-gurnata tax-xoghol.

Ghat-Tribunal ma hux bizzejjed li jintqal li saret investigazzjoni li wasslet ghal konkluzjoni jekk din ma tigix ippruvata minghajr l-ebda dubbju li kienet il-htija tal-Appellant specjalment meta t-truck ma kienx jintuza mill-Appellant biss u l-imhazen kienu jinghalqu wkoll minn persuna ohra.

Ghal dak li jirrigwarda r-referenza ghall-abbuz tas-sick leave jidher li ghal xi zmien qabel ma l-kumpanija rregolat is-sitwazzjoni, dan il-"mal practice" kien jithalla jsir. F'dawn ic-cirkostanzi dan in-nuqqas ma jistax jigi attribwit lill-Appellant.

Dwar l-okkazjonijiet li l-Appellant irraporta marid meta t-talba ghal leave kienet giet michuda, it-Tribunal jinnota li dan in-nuqqas ma hux kopert b'xi forma ta' record ufficcjali jew twissijiet bil-miktub lill-Appellant.

Saret referenza ghall-incident meta l-Appellant korra sewwa wara li numru ta' twavel li kien serrahhom mal-bieb tal-mahzen cedew u waqghu fuqu, incident skond il-Kumpanija li kien gie kkagunat bi traskuragni billi s-serhan tat-twavel mal-bieb tal-mahzen sar kontra struzjonijiet li l-lukketti u l-firroli kellhom ikunu f'posthom.

Ma hix l-intenzjoni tat-Tribunal li johloq polemika dwar dan l-incident izda jrid ifakkar lil dawk kollha li b'xi mod jiehdu l-passi necessarji biex incidenti bhal dawn ma jigrux pero' ghal dak li gie deskritt "b'detriment ghall-kumpanija" it-Tribunal jixtieq ifakkar lill-Kumpanija li ghal mistoqsija diretta mit-Tribunal waqt is-smiegh tal-kaz jekk l-incident ikkagunax hsara, r-rapprezentant tal-kumpanija wiegeb li

.../11

ma kienx irrizulta dannu ghall-Kumpanija. Minkejja dan kollu, jidher izda li r-raguni principali tat-tkeccija ta' Anthony Mercieca kien l-incident li gara fis-6 ta' Gunju, 1987 meta l-Appellant gie allegat li hebb ghad-Direttur, is-sur David Spiteri Hili, billi tah daqqa ta' harta u tajjarlu n-nuccali, wara li l-Appellant kien insolenta lid-Direttur.

Dan jidher car mill-kontenut tal-ittra datata 6 ta' Gunju, 1987 fejn l-enfasi qeghda fuq l-incident. It-Tribunal ghaldaqstant kellu l-inkarigu jezamina jekk l-offiza gietx esegwita u ppruvata ghas-sodisfazzjon ta' l-istess Tribunal.

Dan ma kienx facli ghar-raguni li kullma kellu quddiemu t-Tribunal kienu l-versjoni ta' l-Appellant u d-Direttur, bix-xhud uniku Carmelo Caruana li kien fil-vicinanza jixhed li waqt li ra lill-Appellant u lid-Direttur jargumentaw, huwa (Carmelo Caruana) ma sema' xejn. Xehed ukoll li lemah in-nuccali tad-Direttur fl-art u nizel mill-forklift li kien qieghed isuq biex jigbru u jroddu lis-sur David Spiteri Hili.

L-istess kien il-kaz ta' xhieda ohrajn li kienu fl-inhawi fejn sar l-incident, xi whud jixhdu li semghu liz-zewg persuni jargumentaw izda ma raw l-ebda att ta' vjolenza.

Rigward il-kumplament ta' l-istess ittra, fejn gie allegat li "gibt ruhek b'mod li ghemilek kien ta' hsara ghall-Kumpanija" dan it-Tribunal jarah kontradittorju ma diversi stqarrijiet waqt ix-xhieda, li l-Appellant kien imur tajjeb mal-Klijenti u li gieli hadem wara l-hin tax-xoghol minghajr hlas.

Lanqas ma jista dan it-Tribunal jaccetta statements generalizzati dwar imgieba hazina fuq ix-xoghol minghajr ma jkunu ppruvati.

It-Tribunal kellu wkoll jikkonsidra l-imgieba ta' l-Appellant fis-6 ta' Gunju, 1987, meta mar jargumenta mad-Direttur l-ittra datata

23 ta' Mejju, 1987 li qal li kien ircieva gurnata qabel, jigifieri fil-5 ta' Gunju, 1987, ghadda r-rimarka "li ma kontx balalu ......".

Dan it-Tribunal ma jista qatt jiskuza rimarki ta' din ix-xorta mghamula minn min jahdem Iejn is-superjuri tieghu, bhal ma jghamel ghall-imbuttar minn superjuri ta' dawk ta' tahthom. Kollox ma kollox, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li kien hemm certu ammont ta' indeskrizzjoni kif gie trattat il-kaz, jekk hu minnu li l-ittra twissija tat-23 ta' Mejju, 1987 intbghatet hafna granet wara (madwar 12 il-jum) d-data taghha. L-istess jista' jinghad dwar l-attentat biex l-Appellant jinghata l-pagi dovuti lilu mill-istess Direttur ftit hin wara l-incident, apparti l-fatt kardinali li materji ta' portata bhal din ta' twissija u eventwalment tkeccija ma kellhom qatt ikunu diskussi fil-berah.

## 7. AWARD TAT-TRIBUNAL

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal wara li stharreg il-kaz kollu fid-dawl tal-kunsiderazjonijiet spjegati hawn fuq u ggwidat mill-principju li l-piz tal-prova trid tintrefa minn min jafferma u mhux minn min jichad, it-Tribunal ma huwiex sodisfatt li din il-prova giet stabbilita, specjalment fir-rigward ta' l-akkuza principali li l-Appellant hebb u attakka bi vjolenza Direttur tal-Kumpanija.

Ghalhekk f'dan in-nuqqas u dak ta' nuqqas ta' provi suffiecjenti fuq akkuzi ohrajn konnessi ma l-imgieba ta' l-istess appellant, it-Tribunal isib favur l-Appellant Anthony Mercieca li t-tkeccija tieghu mill-impieg mal-kumpanija Alfred Hili & Co Ltd. ma kinitx ghal raguni gusta.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll it-talba tal-Appellant biex jigi "re-instated" izda fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma jidhirlux li jista jilqa' fin it-talba u ghaldaqstant iddecieda kontra l-istess talba.

It-Tribunal ghalhekk jordna li l-Appellant Anthony Mercieca ghandu jinghata kumpens mill-Kumpanija Alfred Hili & Co Ltd, is-somma ta' Mija u Sebghin (LM170) Liri Maltin, kif ukoll l-pagi dovuti lilu ghas-servizz ta' qabel ma spicca mill-impieg, liema pagi u/jew bonus bhala cekk kienu gew ritornati lura lill-Kumpanija f'isem l-Appellant mill-Avukat tieghu f'ittra datata 8 ta' Gunju, 1987.

It-Tribunal jordna li l-hlas tal-kumpens u l-pagi dovuti lill-Appellant iridu jsiru sa mhux aktar tard mis-16 ta' Dicembru, 1988.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) mghamula taht l-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Att XXX tal-1976) it-Tribunal qieghed jintazza ghall-kull wiehed miz-zewg persuni li dehru ghaz-zewg partijiet, id-drittijiet fis-somma ta' Erbghin (LM40) Liri Maltin.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

CARMEL DEBONO
CHAIRMAN

CHARLES CHETCUTI
SEGRETARJU

/ms